MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 97/2003

**Carmelo Farrugia**

**vs**

**Grezzju Farrugia u Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jizgumbraw il-gebel u materjal kollu li ghamlu fil-passagg komuni li nhar it-13 ta' Frar tas-sena 2002 fir-raba' msejjah tal-Papa fil-limiti ta' Hal Far/Birzebbugia, kif ghadu sal-lum, bi ksur tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ta' l-iskrittura privata ta' nhar il-

11 ta' Ottubru tas-sena 1995, kopja annessa, li tirregola l-uzu tar-raba' mill-partijiet, mikrija lilhom flimkien ma' l-attur, minn ghand il-Gvern; kif ukoll li jkunu kkundannati li jhallsu l-multa ta' elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0) kull wiehed, talli kisru l-kundizzjonijiet ta' l-iskrittura, kif provdut mill-istess fl-artikolu 5, inkluz kull penali ohra provduta sakemm hekk idumu jiksru l-istess skrittura;

2. Illi ghal finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ta' din il-qbiela huwa ta' tlieta u erbghin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu, (LM43.27,0) fis-sena;

3. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' nhar l-20 ta' Dicembru tas-sena 2001, kontra l-konvenuti minn isa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. In preliminarjament jigi n-nullita' ta' l-avviz u dan peress illi l-ghalqa mertu ta' din il-kawza tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti rispettiva tal-partijiet izda l-kawzi saru kontra wiehed mill-konjugi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni jigi fit-tieni lok eccepit illi ma' kien hemm ebda ksur ta' xi obbligazzjoni li l-konvenuti setghu ikkuntrattaw ma' l-attur kif allegat mill-attur fl-avviz;

3. Fit-tielet lok, jigi eccepit illi l-konvenuti bl-ebda mod ma pprivaw lill-attur mit-tgawdija tieghu ghal xi parti minn din ir-raba' li huwa mikri lill-kontendenti in solidum mid-Direttur ta' l-Artijiet;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal ta' l-attur datat is-27 t'April tas-sena 2004 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, irtira l-ewwel u t-tieni talbiet tieghu kif kontenuti fl-avviz fuq indikat;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Rat id-decizjoni taghha datata t-30 ta’ Gunju tas-sena 2004;

Rat id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell datata s-16 ta’ Marzu tas-sena 2005;

Regghet semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti debitament awtorizzati udatata s-27 ta’ Gunju tas-sena 2006, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

Illi l-attur huwa sprovvist mill-interess guridiku rikjest mil-ligi u konsegwentement ma huwiex il-legittimu kontradittur;

Rat il-verbal tal-partijiet datata l-24 ta’ Jannar tas-sena 2007 li permezz tieghu “ … il-partijiet jaqblu li qed jittrattaw it-talbiet kollha indikati fl-avviz promotur”;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess ghandu mmedjatament jinghad li gialadarba parti tkun ghazlet triq, din ma tistax tirrintracca l-passi taghha u taqbad kwalunkwe triq ohra li jidhrilha fic-cirkustanzi, molto piu’ meta tkun irrinunzjat ghal talbiet specifici, appellat, u hemm allura sentenza definittiva fir-rigward;

Illi a tenur tal-verbal tas-27 t’april tas-sena 2004, il-kawza odjerna tibqa’ limitata minn dan il-verbal;

Ikkunsidrat:

Illi l-art in dizamina jidher li kien inghata bi qbiela lill-kontendenti flimkien fl-1981;

Illi fit-8 ta’ Marzu tas-sena 2006 kien gew rikonoxxenti ulied l-attur minfloku, (ara fol 133);

Illi in vista tal-premess l-attur m’ghandux locus standi fil-procedura odjerna u allura m’ghandu l-ebda interess guridiku x’jivvanta fil-konfront tal-konvenuti;

Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi t-talba rimanenti ta’ l-attur, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------